MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2008

Numru 1051/2005

**Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Arron Gatt ta' 27 sena iben Anthony u Giorgina nee' Spiteri mwieled Pieta fit-8 ta' Awissu 1978 u residenti 44 Triq Sant'Anglu Isla, ID 385778M.**

**Akkuzat talli f'Hal Luqa nhar il-15 ta' Novembru 2005 ghall-habta tal-5.00pm kkommetta serq ta' flus minn Banka tal-Lottu numru 177, liema serq huwa aggravat bil-valur, liema valur jeccedi l-LM100 izda inqas minn LM1000 ghad-dannu ta' Giorgina Zarb.**

**Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali u anke ta' l-imputat biex dawn il-proceduri jkunu sommarji.**

**Semghet il-provi bil-gurament. Semghet lill-imputat jammetti li hu hati ghal din l-imputazzjoni, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li nghata zmien xieraq biex jahsibha. Ghal daqstant din l-imputazzjoni giet ppruvata ghall-finijiet tal-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261(c) u 267 tal-Kap 9 ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontrieh. In vista tal-fatt li sa dak inhar meta sehh ir-reat il-fedina penali kienet prattikament nadifa u in vista tal-fatt illi missier l-imputat ghadda 424 Euro li huma l-ekwivalenti ta' l-ammont ta' serqa li sehhet lill-ispettur Frans Micallef sabiex dan ikun jista' jaghtihom lil sidhom, il-Qorti flok tikkundanna lill-imputat, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien 3 snin millum. Il-Qorti qed tispjega l-Artikolu 22 tal-Kap 9 lill-imputat fi kliem semplici. Il-Qorti qed izzid ukoll li ghal kull buon fini jekk l-ammont dovut huwa ta' iktar minn 424 Euro, allura il-Qorti tiddikjara li ai fini tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, dan il-bilanc ghandu jithallas u s-sentenza ta' llum hija wahda esekuttiva ghal kull bilanc illi jista' jkun fadal wara li jkunu thallsu dawn il-424 Euro.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------